MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1190/2000/1

**Laura Fabri**

**vs**

**Alfred Fabri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-12 ta’ Jannar 1974 kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu u/jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibbli ghall-attrici li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kienvizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieginnifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 Jirregola z-Zwigijiet.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi.

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal–konvenut a fol 10 fejn gie eccepit:

1. Illi, preliminarjament, ic-citazzjoni hija nulla peress illi hija nieqsa mir-rekwiziti tal-ligi, stante li m’hemm l-ebda kawzali cara bhala bazi tat-talba tan-nullita’;

2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ma tinkwadrax fid-dettami tal-ligi li abbazi taghhom wiehed jista’ jiehu annullament;

3. Fit-tielet lok, it-talba m’ghandhiex tintlaqa peress li hija motivata ulterjorment minn cirkostanzi li tinsab l-attrici fihom illum;

4. Fir-raba’ lok u fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess u in subordine, ma jezistux ir-rekwiziti ordinarji ghall-annullament;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 11 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta’ Dicembru 2000 a fol 17 tal-process, fejn permezz taghha rtira l-ewwel, it-tieni u r-raba’ eccezzjoni.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2001 u tal-10 ta’ Lulju 2001 fejn gew prezentati xi affidavits *seduta stante* (fol 22 sa 31).

Rat in-nota tat-2 t’Ottubru 2001 tal-konvenut fejn prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 33 sa 34).

Rat il-verbal tal-4 ta’ Dicembru 2001, tat-8 ta’ Jannar 2002, tad-19 ta’ Frar 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tas-17 ta’ April 2002 u tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) XHIEDA PRODOTTA:

Illi fl-affidavit taghha **Laura Fabri** sostniet:

*“Niddikjara li fit-12 ta' Jannar, 1974 jien izzewwigt lill-konvenut Alfred Fabri, mill-liema zwieg ahna kellna zewgt*

*itfal u cioe` Alex ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u Nadia ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.*

*Nikkonferma li jiena kelli tfulija difficli ferm minhabba t-trobbija li hadt minghand il-ġenituri tieghi. Fil-fatt jien u ohti trabbejna f'ambjent ta' glied kbir bejn il-genituri taghna.*

*Kull filghodu ommi kienet teqred bid-dwejjaq li kien ikollha u kienet tghidilna "sejra naqbez minn fuq il-bejt jew "ser naqbez gol-bir". Hija kienet tixher, twerzaq u ssabbat rasha mal-hajt u dan fil-presenza tieghi u ta' ohti li dak iz-zmien konna zghar hafna. Niftakarni mmur l-iskola bi dwejjaq kbar, filwaqt li shabi t-tfal kienu kollha jkunu ferhanin jilghabu minghajr hsibijiet. Da parti tieghi kont inkun mohhi d-dar f'dak li setghet taghmel ommi.*

*Mhux biss izda l-genituri taghna kienu jzommuna 'l boghod min-nies bl-iskuza li riedu jipproteguna. Ahna konna nhossuna differenti minn haddiehor u fil-fatt hadd ma kien ikellimna ghax da parti taghhom in-nies kienu jahsbuna suppervi. Meta konna zghar kemm jien kif ukoll ohti qatt ma kellna habiba wahda. Inoltre, minhabba l-glied u l-ghajjat li kien ikun hemm id-dar, jiena u ohti konna nisthu ferm mill-girien u ghalhekk lanqas biss konna nghollu ghajnejna minn mal-art meta nohorgu.*

*Ghalhekk nghid ghalija kont rabbejt kumpless ta' inferjorita kbir minhabba l-atteggjament tal-genituri taghna. Nghid ukoll li jiena kont maghluqa fiha nnifsi.*

*Barra minn dan ommi kienet it-tip li dejjem tiddetta b'mod li hadd ma kien jista' jmeriha. Ahna konna semplicement naghmlu dak li kien tghid. F'dawk iz-zminijiet kont tabilhaqq inhossni nezisti u mhux nghix.*

*Apparti dan, ommi u missieri kienu jiggustaw lil ohti f'kollox peress li hija kienet aktar fuq ruhha minni. Ghalhekk minflok jien spiccajt il-fessuda kif normalment isir f'familji normali, jien spiccajt l-imwarrba u lanqas wahda importanti fil-familja. Filwaqt li dak li kienet*

*taghmel ohti kien meqjus bhala sew mill-genituri taghna, dak kollu li kont naghmel jiena kien ikun hazin ghalihom. Huma kienu jmaqdruni f'kollox, inkluz fl-andament tieghi fl-iskola u dan anki meta kont immur tajjeb. Nghid li jiena dejjem hassejtni bhala l-black sheep of the family.*

*Mhux biss izda l-familjari ta' missieri kienu jhobbu lil ohti u mhux lili. Dan m'iniex qeghda nghidu b'kapricc, izda qeghda nghidu wara snin shah nigi nwarrba mill-familjari ta' missieri. Dawn sahansitra kienu rrifjutaw li jghammduni, u fil-fatt il-parrina tieghi tal-maghmudija hija mara barranija.*

*Episodju li mmarkali hajti kien meta ommi rrakkontatli fid-dettal kif meta hija harget tqila bija missieri riedha tabortixxi. Tant li ommi kienet qaltli li missieri kien xtralha l-pilloli, pero' hija ma kenitx tehodhom u dan bil-mohbi ta' missieri. Ommi darba sahansitra wrietni mill-liema spizerija fil-Belt Valletta, missieri kien xtara l-pilloli.*

*Minhabba l-problemi kollha li kelli fi tfuliti, jiena ma kontx kapaci inzomm konversazzjoni u ghadni sal-lum inbati biex inkompli man-nies. Mhux biss izda konsegwenza tal-kumpless ta' inferjorita li kelli jiena ma kelliex self-esteem tant li f'ghajnejja stess kull ma naghmel kont narah ikrah.*

*Niftakar li l-iskola jiena kont inkun ghajjiena u lanqas biss kont niflah inzomm ghajnejja miftuha. Naf li t-teacher kienet tghidilha lil ommi dwar din l-"ghajja" kbira li kelli, pero' ommi qatt ma naf li ghamlet xejn biex jiena nfieq minn dik is-sitwazzjoni.*

*Illum il-gurnata li kbirt, naf li s-sintomi li kelli meta kont zghira kienu dawk ta' depression, pero' f'dawk iz-zminijiet din il-kelma bil-kemm kienet tezisti u ghalhekk hadd ma ghamel xejn biex ighini.*

*Inoltre minhabba l-fatt li jiena kelli biss zewg ilbiesi biex inbiddel, tant li kont nilbishom fi granet alternati, jiena kont inhossni ferm aktar inferjuri minn haddiehor, u qatt ma stajt nithallat ma ta' tampari.*

*Niftakar li l-ġenituri tagħna, forsi biex jipproteġuna, kabbruna nibżgħu minn kollox u ma nirriskjaw xejn. Fil-fatt huma lanqas biss għallmuna ngħumu u ma kienux jħalluna nilgħabu b'xejn biex ma nweġgħux. Anke niftakar biss fit-tfuliti, jerga' jaqbadni d-dwejjaq.*

*Meta oħti bdiet tikber u laħqet l-eta' ta' ħmistax-il sena hija bdiet tiffrekwenta xi ħbieb tal-iskola u għalhekk jiena bdejt inħossni aktar iżolata. Oħti kienet tħallini waħdi l-ħin kollu u saħansitra fejn qabel konna nimxuha flimkien għall-iskola, hija bdiet timxieha ma' sħabha u jiena spiċċajt litteralment waħdi.*

*Ftit żmien wara oħti bdiet toħroġ ma' ċertu Walter Tinnion u wara sena żżewwiġtu. Niftakar li oħti kienet qaltli li hija ddeċidiet li tiżżewwġu biex titlaq mid-dar u mid-dwejjaq kbar li kellna għand il-ġenituri tagħna.*

*Meta Carmen telqet mid-dar jiena ddeċidejt li nagħmel naqra kuraġġ u nitlob lil waħda li kienet tiffrekwenta l-iskola miegħi, u cioe' lil Mary Magri biex nibda toħroġ magħha u din aċċettat.*

*Ngħid pero' illi l-ħruġ ma għiniex nelgħeb s-sens ta' inferjorita li kelli, anzi jiena bdejt inħossni agħar peress li Mary kienet dejjem tbiddel u tagħmel il-make-up, filwaqt li jiena kont inkun dejjem bl-istess żewġt ilbiesi. Mhux biss iżda l-guvintur kienu jaqbdu ma' Mary, filwaqt li jiena kont kull darba nispiċċa waħdi. Meta Mary kien ikollha xi date, jiena kont nibda' d-dar għal weekends sħaħ sakemm hija kienet tispiċċa.*

*Niftakar li f'okkażżjoni minnhom, jiena u Mary morna f'disco fid-Drydocks, u hemmhekk jiena għall-ewwel darba ġejt avviċinata minn Alfred Fabri u staqsieni biex nibdew noħorġu flimkien.*

*Jiena mal-ewwel kont aċċettajt li nibda niltaqa' miegħu u dan peress li ħsibt li b'hekk inkun qed nevita li nibqa' dejjem waħdi. Peress li bżajt li l-ġenituri tiegħi setgħu*

*jirrovinawli kollox jiena ghamilt xhur shah niltaqa' ma' Alfred Fabri bil-mohbi taghhom.*

*Nispjega li f'dan il-perjodu jiena kont fidila ghall-aghar. Ma kontx naf x'toffri l-hajja u ma kont naf xejn dwar ir-relazzjonijiet intimi li mizzewwgin ikollhom flimkien. Jiena qatt ma stajt nitkellem ma' hadd dwar dan. Ir-ragel kien l-ewwel guvni li qatt hrigt mieghu.*

*Ghalhekk jiena ma kontx naf x'nistenna mill-futur tieghi ma' Alfred, tant li ahna qatt ma tkellimna dwar affarijiet importanti bhal ma' huma t-tfal. Affarijiet li gatt ma ghadddewli minn rashi qable ma zzewigt.*

*Nispjega li minkejja li jiena kont qed nohrog ma' guvni, xorta wahda bqajt inhossni mdejjqa u passiva ferm.*

*Jiena u Alfred konna mmorru Hastings u hu kien jintefa' fuq bank jorqod sakemm isir il-hin. Meta konna nitkellmu, Alfred dejjem kien jiddiskuti dwar dar li kien ghadu kif ha mill-Housing u li kien qed jirranga. Wara ftit zmien huwa beda jinsisti li nizzewwgu biex il-Housing ma jiehodlux il-post.*

*Il-genituri tieghi skoprew accidentalment li jiena kont qed niltaqa' ma' guvni xhur wara li ahna bdejna niffrekwentaw lil xulxin. Nispjega li peress li darba minnhom kienet xita gawwija, Alfred kien wassalni sa qrib id-dar tieghi. Milli jidher il-genituri tieghi kienu qed jistennewni wara t-tieqa, peress li milli dhalt id-dar huma ghamluli xenata enormi. Tant bdew jghajjtu, li minkejja li barra kien vera maltemp u d-dar kollha kienet maghluqa, Alfred xorta wahda semmghahom jghajjtu u jirrabjaw mieghi.*

*Ghalhekk minn jeddu Alfred l-ghada mar ghas-sodisfazzjon fuq il-post tax-xoghol ta' missieri. Dawn milli jidher qabdu jitkellmu u Alfred kien gharraf lill-missieri, li missieru kien surmast tal-banda. Meta gie lura d-dar missieri ghall-ewwel darba f'ghomri deher kuntent bl-ghazla tieghi peress li "ghandu missieru surmast".*

*Meta Alfred sar jaf lill-genituri tieghi huwa wahdu kien iddecieda d-data tat-tieg. Huwa kellu genn biex jizzewweg biex ma jitlifx il-post. Alfred kien jghidli li jekk ma jizzewwigx sa certu data l-Housing kienu ser jiehdu l-post lura.*

*Da parti tieghi jien tant kont drajt naghmel dak li kien jghidli haddiehor li lanqas biss ikkontestajt id-decizjoni li nizzewweg u dan ghalkemm ma kont naf xejn dwar dak li kont diehla ghalih biz-zwieg.*

*Nammetti li aktar ma beda joqrob iz-zwieg aktar bdejt inhossni mhux preparata u bhal qabduni dwejjaq kbar. Jiena ma kelli 'l hadd ma min niftah qalbi.*

*Ohti kienet diga' zzewwget u msiefra u ghalhekk ma stajtx inkellimha, u ommi u missieri lanqas biss kont nissogra ntennielhom xi haga minn dak li kont ghaddejja minnu.*

*Jiena beda jaqbadni bhal paniku ghax bdejt inhoss li Alfred ma kienx ir-ragel li xtaqt inqatta' hajti mieghu. Fl-istess hin pero' ridt nitlaq mid-dar biex nehles mill-ambjent soppressiv li kien qed imarradni. Anki meta niftakar dwar il-konfuzjoni li kont ghaddejja minnha fiz-zmien ta' qabel it-tieg jaqbadni hruq fl-istonku.*

*F'dak il-perjodu z-zwieg deher li kien l-unika ghazla li kelli biex nitlaq mid-dar. Kieku jiena kont qed nghix fiz-zminijiet tal-lum, l-alternattiva kienet tkun li nitlaq mid-dar u mmur nghix ghal rasi, pero' dak iz-zmien ma kenitx accettabli li xebba tmur tghix ghal rasha.*

*Dan kollu ghadda minn quddiem ghajnejja dak in-nhar tat-tieg, propju fil-knisja. Fuq l-artal xtaqt inwerzaq "le ma rridx nizzewwgu", pero` ma kellix kuragg naghmel hekk u minhabba c-cirkostanzi spiccajt kelli naccetta.*

*L-argumenti bejni u bejn Alfred bdew minnufih, u cioe' mill-ewwel lejl. Jien ma kelli ebda esperjenza sesswali qabel u ghalhekk il-fittazzjoni tar-ragel bdiet iddejjaqni. Hassejtni mbuttata minnu.*

*Wara ftit jiem pero' meta rajt li qattajna l-granet ta' qabel niggieldu biss, jiena qisni rrassenjajt ruhi li hajti kellha nqattaghha mieghu. Ghalhekk cedejt u biex nevita l-glied kont inhallieh jaghmel li jrid.*

*Fil-fatt wara ftit jiena nqabt tqila bit-tifel u dan minkejja li ahna qatt ma konna tkellimna jew ippjanajna dwar tfal.*

*Jiena ma kontx xejn kuntenta bis-sitwazzjoni li sibt ruhi fiha u qatt ma hassejt ebda ferh kif normalment nahseb li jkollhom il-koppji normali.*

*Ghalkemm kont tlaqt mid-dar tal-genituri tieghi hassejtni bhal wahda li qbizt mit-tagen ghal gon-nar. Konna niggieldu kull jum u kont inhossni mdejjqa hafna, Jew inkella ncedi u nhossni bhal oggett.*

*Nghid li meta tfarfar ftit it-tifel jiena bdejt nahdem mal-Gvern u bdejt niltaqa' man-nies u ntbaht aktar bl-izbalji li kont ghamilt f'hajti. Irrejalizzajt kif kont qattajt tletin sena minn hajti fi dwejjaq kbar ghaddejja minn depression ghal ohra. Ghalhekk ma domtx wisq li bdejt nahseb sabiex nissepara minn zewghi. Jiena stennejt li jikbru t-tfal sakemm jaslu f'eta li jkunu jistghu jifhmu xi tfisser separazzjoni, u ghalhekk tnax-il sena ilu jiena sseparajt minn Alfred u permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fit-13 ta' Lulju, 1990 sseparajna legalment.*

*Fl-ahharnett nghid li anke ohti llum il-gurnata hija mifruda minn ma' Walter u issa zzewget lit-tieni ragel li ltagghet mieghu u verament habbet.*

*Fl-ahharnett nixtieq nghid li jiena tant kont imdejqa fiz-zwieg, li kif sibt l-ewwel opportunita kelli relazzjoni ma' gar. Dan sehh xi sentejn wara li konna zzewgina. Din ir-relazzjoni damet vicin sena u jiena kont niltaqa' ma' din il-persuna bil-mohbi ta' zewghi. Nghid li jiena kont infittex kull tip ta' skuza biex nohrog mid-dar u nkun nista' mmur niltaqa' ma' din il-persuna. Nghid li fil-hajja mizzewga tieghi kelli relazzjonijiet ma' rgiel ohra u dan dejjem minn wara dahar zewghi. Nghid li Jiena kont qeghda*

*nirraguna fis-sens li dak li m'ghamiltx meta kont ghadni tfajla minhabba s-sikkatura li kelli d-dar, ridt li naghmlu wara li zzewigt."*

Illi fl-affidavit taghha **Emilia Spiteri Sacco** qalet is-segwenti:

*"Niddikjara li jiena habiba tal-familja Mamo, ossija tal-genituri ta' Laura Fabri. Ahna ilna hbieb snin twal hafna u dan peress li konna noqghodu fl-istess vicinanzi. Filfatt lil Laura u ohtha Carmen nafhom tfal zghar.*

*Niftakar li Laura u Carmen kienu dejjem ikunu ma djul ommhom u missierhom u dan sakemm saru xebbiet. Il-ġenituri tagħhom ma kienux jippermettulhom jagħmluha man-nies u wisq anqas li joħorġu waħedhom. Huma kienu jinsistu li wliedhom jibqgħu ġewwa jistudjaw dejjem. Jiena kont midħla sew tal-familja Mamo, tant li kont qiesni ta' ġewwa. Ngħid li d-diskors dwar it-tfal bejn il-konjuġi Mamo kien dejjem u biss ikkonċentrat fuq l-istudju u xejn aktar. Dawn it-tfal qatt ma kont narhom ma ħbieb jew tfal oħra tamparhom jilgħabu.*

*Mhux biss izda l-konjuġi Mamo kienu jiġġieldu ferm peress li missierhom kien litiguz ħafna, u l-omm kienet tirrispondieh lura. Il-glied li kien ikollhom kien ikun serju u mhux bħal ta' koppji normali li jkollhom xi jgħidu bejniethom. Il-ġirien tagħhom dejjem kienu jgħidu bihom peress li kienu saħansitra jinstemgħu minn barra jiġġieldu. F'okkazzjoni minnhom, il-konjuġi Mamo kienu saħansitra nfirdu fil-bidu taz-zwieġ tagħhom u t-tifla Carmen kienet marret in-naħa tal-missier. Dawk iz-zminijiet li tinfired kienet xi ħaġa gravi ħafna peress li ma kenitx daqstant komuni. Minħabba l-fatt li Carmen ma marritx ma' l-omm, u l-familja tal-missier ma riedux jagħtuhilha lura, l-omm kienet reġgħet marret lura d-dar u reġgħu bdew jgħixu ta' miżżewwġin.*

*Ngħid li f'okkazzjoni minnhom Melita Mamo saħansitra kienet stqarret miegħi, li tant kien hemm inkwiet fiz-zwieġ bejnha u bejn żewġha, li meta nqabdet tqila b'Laura, żewġha riedha tabortiha. Filfatt huwa kien xtralha pilloli biex tabortixxi t-tarbija, pero' hija qaltli li kienet ramiethom.*

*Jiena kont ninkwietha ferm għal Laura u għal Carmen peress li kont naf li dawn it-tfal qegħdin jitrabbew f'ambjent mimli glied, kif ukoll ma kienux jagħmluha man-nies. Nista' ngħid li dawn it-tfal kienu babbi, bħaħen, ma kienux jafu x'toffri l-ħajja. It-tfal kienu letteralment imwerwra mill-ġenituri tagħhom. Dawn it-tfal lanqas biss qatt ma haduhom baħar biex ma jiġrilhom xejn. Kien jonqoshom biss li jqiegħduhom ġo bozza.*

*Da parti taghhom pero' il-konjugi Mamo kienu jzommuha ferm, u filfatt l-omm kienet sahansitra tilbes modern ghal dak iz-zmien u l-missier kien il-hin kollu mohhu fin-nisa. Pero' it-tfal zammewwhom kompletament fl-ghama u qieshom zewg boloh.*

*Mhux biss izda lil Carmen, u cioe' t-tfila l-kbira, minn diskorshom kien jidher li jgibuha aktar minn Laura. Filfatt anke meta waslu biex jizzewwgu lir-ragel ta' Carmen kienu jgibuh aktar mir-ragel ta' Laura.*

*Nghid li jiena u zewgi ghamilna perjodu fejn inqtajna naqra mill-konjugi Mamo peress li jiena kont qed inrabbi lill-uliedi.*

*Niftakar pero' li Carmen, il-kbira, malli ghalqet tmintax-il (18) sena spiccat mill-iskola u ddecidiet li tizzewweg mal-ewwel lill-ewwel guvni li gie. Da parti taghhom il-konjugi Mamo kienu hadu din id-decizjoni bi kbira, pero' ma setghux izommuha peress li Carmen kellha l-eta' taghha. Carmen mal-ewwel uriet li kienet qiesha ghasfur li harab mill-gagga. Fid-dar tal-genituri taghha kienet thossha qed tifga.*

*Laura kienet aktar kwieta minn Carmen u fil-fatt kienet qiesha nghixxha. Ftit zmien wara li Carmen izzewwget u telqet tghix ma' zewgha barra minn Malta, Laura niftakar li qabdet tinnamra ma' zewgha. Sfortunament il-familja ta' zewgha qatt ma gabu lil Laura u filfatt l-inkwiet fiz-zwieg taghhom beda mal-ewwel.*

*Jiena nahseb li z-zwigijiet ta' Laura u ta' Carmen tfarrku mal-ewwel minhabba t-trobbija li nghataw mill-genituri taghhom u minhabba l-istampa ta' hajja mizzewwga li raw quddiemhom mill-genituri taghhom. Da parti taghha ommhom kienet taf b'dan, pero' hija qatt ma ammettiet l-izball taghha u ta' zewgha."*

Illi fl-affidavit tieghu **Alfred Fabri** qal:

*"Illi jiena, wara erba' snin ta' eghrusija mal-attrici, marti Laura Fabbri, izzewwigt fit-12 ta' Jannar 1974, mill-liema*

*zwieg ahna kellna zewgt itfal u cioe' Alex ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u Nadia ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.*

*Jiena hassejt illi l-perijodu illi domna gharajjes kien wiehed relattivament felici, u dan baqa' sejjer matul iz-zwieg kollu. Cjo nonostante, dejjem hassejt nuqqas ta' armonija fil-karattru ta' marti, u xi kultant kont insaqsi kemm lilha kif ukoll lili nniffsi jekk hix kuntenta mieghi jew le.*

*Jien kont semmejtilha l-fatt illi jekk ma tizzewwignix entro certu perijodu nitlef id-dar illi kienu offrewli l-Housing, izda qatt ma sfurzajtha jew giegheltha jew insistejt maghha li tizzewwigni.*

*Jien qatt ma psart illi marti ma kenitx fidila lejja. Hi kienet tghidli li thobbni, u jiena emmintha u hekk kont nahseb. Ma tantx stajt nahseb mod iehor stante illi da parti tieghi, imhabba biss hassejt u ghalija, dak iz-zmien, deheret konsegwenza logika illi hi thobbni bhalma kont nhobbha jien. Kulma kienet taghmel sehh minn wara dahri, u sirt naf fuqu biss wara li pprezentat l-affidavit taghha recentement. Inhossni imwegga' hafna b'dak li gara u bl-ingann taghha. Minhabba f'hekk tlift hafna mir-rispett li kelli lejn marti li kienet qed tigi ttrattata minni qisa regina kemm fl-eghrusija kif ukoll waqt iz-zwieg.*

*Haga illi taghtni fil-ghajn kontinwament kienet l-indhil kontinwu tal-genituri ta' Laura fl-amministrazzjoni taz-zwieg u tal-familja. Kawza tas-separazzjoni matrimonjali waqajt f'depressjoni qawwija, infatti recentement kont qed nigi kurat minn psikjatra u xi kultant kont pazjent fl-isptar Monte Carmeli. Il-kondizzjoni medika tieghi qed titjieb bil-mod il-mod. Ghadni sallum ma tantx nista' nifhem dak li gara f'hajti, u ghadni sallum ma nistax nirrassenja ruhi illi zwiegi, illi ghalija minn dejjem kien partikolarment ghaziz anke minhabba l-armonija familjari u t-tfal, tfarrak irremedjabilmant.*

*Illum jien qed nghix wahdi."*

## (B) PRINCIPJI LEGALI

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg mal-konvenut *stante* li qed tikkontendenti li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u fl-ahharnett peress li qed jallega li l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attrici qed tivvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici qalet li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attrici sostniet li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage*

*… … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of*

*will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi mill-provi prodotti u fuq ampjament riportati, li ma gewx kontestati mill-konvenut, anke peress li permezz ta' nota datata 5 ta' Dicembru 2000 (fol 17) huwa rtira l-eccezzjonijiet kollha tieghu hlief it-tielet eccezzjoni, jirrizulta li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg sempliciment u unikament sabiex ma tibqax tghix fid-dar tal-familjari taghha peress li kien ihossa li qed tigi trattata hazin ghaliex fl-ewwel lok kien hemm glied kontinwu bejn il-genituri taghha, u fit-tieni lok ohtha kienet dejjem giet

preferuta minnha, tant li l-attrici kien ihossa bhala "*black sheep of the family*" u wkoll ghaliex ommha kienet qaltilha li meta hija nqabdet tqila biha missierha sahansitra riedha tabortixxi.

Illi bhal li kieku dan mhux bizzejjed meta ohtha telqet mid-dar biex izzewget hija hassitha waheda u ma tafx x'ha taghmel. Iltaqghet mal-konvenut li wara ftit staqsiha biex tizzewgu u hi da parti taghha accettat biex tehles mis-sitwazzjoni skond hi oppressiva u mpossibbli li hija kienet qed tghix fiha.

Illi tant kienet avversa ghall-istess zwieg mal-konvenut li hija qalet is-segwenti:

*"… dan kollu ghadda minn quddiem ghajnejja dak in-nhar tat-tieg, proprju fil-Knisja. Fuq l-artal xtaqt inwerzaq "Le ma rridx nizzewgu", pero` ma kellix kuragg naghmel hekk u minhabba c-cirkostanzi spiccajt kelli naccetta."*

Illi dan l-animu ta' qabel iz-zwieg jidher li l-attrici baqghet bih anke wara l-istess zwieg, u ghalkemm f'kawza t'annullament dak li huwa relevanti huwa l-kunsens filwaqt proprju taz-zwieg, dak li jigri wara jista', u hafna drabi hekk hu, jaghti ndikazzjoni cara tan-natura ta' kunsens u l'animu tal-parti qabel l-istess zwieg. Fil-fatt ghalkemm l-istess kontendenti jirrizulta li kellhom anke ulied minn dan iz-zwieg, ir-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma kienet normali, tant li wara li trabbew it-tfal l-attrici bdiet taghmel minn kollox sabiex titlaq lill-konvenut, tant li ammettiet fl-ahhar paragrafu tal-affidavit taghha li hija kellha relazzjonijiet intimi ma diversi persuni ohra minn wara dahar zewgha, ghaliex irragunat "*li dak li m'ghamiltx meta kont ghadni tfajla, minhabba s-sikkatura li kelli d-dar ridt li naghmlu wara li zzewwigt*".

Illi fil-fatt jinghad li dan in-nuqqas ta' kuntatt u komunikazzjoni bejn il-kontendenti wassal sabiex il-fuq minn erbatax-il sena ilu, il-kontendenti sseparaw *de facto* u legalment isseparaw permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Lulju 1990.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-kunsens tal-attrici kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, stante li dahlet ghall-istess zwieg bl-iskop uniku li tahrab minn dak li hija ddiskreviet bhala dwejjaq li kellha meta kienet tghix mal-familja taghha, u dan certament mhix ir-raguni ghaliex wiehed ghandu jidhol f'relazzjoni daqshekk serja u mportanti taz-zwieg.

Illi fil-fatt jinghad li tant dan huwa minnu li mix-xhieda kollha prodotta ma jirizultax li kien hemm minimu ta' sentiment mill-attrici ghall-istess konvenut, u hija harset biss lejh apparti bhala missier ta' uliedha, biss bhala xkiel, u wara li tat l-attenzjoni lill-uliedha ma l-ewwel okkazzjoni li kellha harbet mill-istess zwieg.

Illi dan l-animu tal-istess attrici manifestat fl-azzjonijiet taghha, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta'*

*assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dan kien ovvjament mankanti da parti tal-attrici kif gja indikat, u dan ghaliex jidher car li l-attrici ma zzewgitx ghaliex b'xi mod kienet thobb lill-attur, tant li ma kienitx lesta taghti hajjitha lilu, u kien mankanti fiha kull sentiment ta' mhabba lejh. Izzewget biss sabiex tahrab minn dak li hija hasset li kien qed ifarkilha hajjitha u ma l-offerta tal-konvenut biex tizzewweg hija mill-ewwel accettat ghalkemm kienet konxja tal-fatt li hija kienet qed taghmel zball.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-attrici resqet ghal dan iz-zwieg b'kunsens ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijet u dmirijiet naxxenti mill-istess u dan iwassal sabiex jigi ddikjarat b'din id-decizjoni li hemm ragunijiet sufficjenti li tali zwieg jigi kkunsidrat bhala null u bla effett anke skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**, ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-

cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li*

*jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. L-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or*

*because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li ghalhekk l-attrici ppruvat ukoll li dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg li jaqa' taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255,** u dan peress li jidher mill-provi prodotti u senjatament minn dak li qalet l-attrici qabel iz-zwieg u mill-komportament taghha matul l-istess zwieg li hija mill-ewwel kienet taf li bl-istess zwieg ser taghmel zball ghax mhux biss ma kienitx thobb lill-konvenut izda addirittura kienet avversa ghall-idea li tizzewgu, tant li ma hasbet xejn sabiex matul l-istess zwieg hija jkollha relazzjonijiet diversi ma persuni ohra. Dan jikkonferma l-fatt gia fuq stabbilit u ammess mill-attrici li l-unika raguni

ghaliex hija hadet dan l-istat kien biss biex tahrab mill-hajja li kienet qed tghix mal-ġenituri taghha u ghalhekk jidher li l-istess zwieg ghandu jigi wkoll annullat fuq din il-bazi.

Illi dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, kif jidher fis-sentenza gja citata **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li wkoll tapplika ghal din l-ipotezi attwalment konsiderata taht l-istess subartikolu tal-**Kap 255,** attwalment ikkunsidrat, u dan meta inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti thoss li anke fuq din il-bazi hemm ragunijiet sabiex tintlaqa' t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kondizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kondizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, izda mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm bazi sabiex it-talba attrici tigi akkolta skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub artikolu, anzi it-talba attrici fuq din il-konsiderazzjoni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-12 ta' Jannar 1974 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Novembru 2002**